# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar  it-Tnejn 9 t'Ottubru, 2017**

**Rikors Numru : 707/2017JPG**
**Kawza Numru : 23**

**Aluserv Limited**
**(C 16207)**

**-Vs-**

**Steel Structures Company Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti tas-7 t'Awwissu, 2017 mahlufa minn Mark Vassallo (K.I. 488164M) debitament awtorizzat, li jaqra hekk:

1. *Illi s-socjeta konvenuta kienet ingaggat is-socjeta' attrici sabiex taghmel xogholijiet ta' aluminium gewwa l-Kumpless magharuf bhala Farsons liema xogholijiet ossia bilanc jammonta ghall-somma ta' mija u hames elef euros (euros 105,000);*

2. *Illi dawn ix-xogholijiet tlestew u l-klijent jigifieri Farsons gja qieghed jibbenefika minn dawn ix-xogholijiet;*

3. *Illi s-socjeta' konvenuta baqghet tirrifjuta li thallas l-istess ammont nonostante li kien sarulha diversi interpellanzi;*

4. *Illi s-socjeta' konvenuta sahansitra bdiet thallas permess ta' cheqqijiet li kollha ma ssarfux minhabba nuqqas ta' fondi;*

5. *Illi jezistu elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta billi li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'tghati kontra t-talba tal-hlas tal-istess dejn u s-socjeta' attrici qieghda tannetta ma dan l-att affidavit skond l-artikoli fuq imsemmija.*

*Tghid ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lis-sojieta konvenuta thallas l-ammont ta' mija u hamest elef euros (euros 105,000) rapprezentanti ammonti dovut bhala xoghol ta' aluminium imqabbda mis-socjeta' konvenuta u li x-xoghol sar u huwa lest bl-imghax mid-data tal-fattura datata 19 ta' Novembru 2015.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittri bonarji u ittri ufficjali u l-mandat ta' sekwestru kontra l-istess socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunai sabiex tidher ghas-subizzjoni;"*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti fir-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi fl-udjenza tal-4 t'Ottubru, 2017, is-socjeta' rikorrenti pprezentat nota ta' riduzzjoni fl-ammont ta' erbat elef disa' mija u tnejn u disghin ewro (Ewro 4992) sabiex il-bilanc tas-somma pretiza jkun ta' mitt elf, hames mija u sitt euro u erba' u tletin centezmu tal-ewro (Eur 100,506.43) (vide Fol 15).

Rat illi fl-udjenza tal-4 t'Ottubru, 2017, is-socjeta' intimata pprezentat nota ta' ammissjoni fl-ammont ta' mitt elf u hames mija u sitt euros u tlieta u erbghin centezmu tal-euro (Ewro 100,506.43) (vide Fol 14).

Rat illi l-avukati difensuri qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza minghajr htiega ta' trattazjoni finali.

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. Seqq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet tas-socjeta'rikorrenti fl-ammont ta' Eur 100,506.43 kif ridotta, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra s-socjeta'intimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**